MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 42/2010

**Jean Pierre Sant**

**vs**

**Direttur Generali VRFCC (*Veterinary Regulation and Fisheries Conservation and Control*)**
**Ministru Ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali**
**Prim Ministru u Kummissjoni Servizz Pubbliku**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur datat il-25 ta' Gunju, 2010, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti kien ilu jokkupa l-grad ta' "*Fisheries Protectin Officer*" fi hdan id-Dipartiment tas-servizzi veterinarji sa mill-2003;

2. Illi fit-18 ta’ Novembru, 2008, kienu ttiehdu passi kriminali kontra l-kaptan ta’ dghajsa Spanjola li kien qed jistad fl-ibhra Maltin;

3. Illi kienet giet sekwestrata l-qabda tal-hut bl-imsemmija dghajsa, izda stante li d-Dipartiment koncernat ma kellux friza adegwata, kien hemm il-periklu serju ta’ hsara rriversibbli ta’ l-istess qabda principalment konsistenti f’”*king prawns*”;

4. Illi ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur, ir-rikorrenti zamm il-qabda ta’ “*prawns*” de quo fil-friza tal-istess skuna Spanjola msemmija;

5. Illi l-qorti kompetenti hemm ukoll riferita ordnat ir-rilaxx tal-iskuna de quo bil-konsenja tal-hut b’kollox;

6. Illi d-Direttur Generali kkoncernat ta struzzjonijiet biex il-konsenja de quo tinbiegh minghajr ma kien debitament awtorizzat;

7. Illi l-qorti fuq riferita ma kinitx ordnat il-konfiska tal-hut *de quo*;

8. Illi d-Dipartiment koncernat zamm lir-rikorrenti odjern responsabbli ghan-nuqqas ta’ bejgh tal-hut *de quo*;

9. Illi r-rikorrenti oppona din l-allegazzjoni vantata kontra tieghu;

10. Illi l-impjieg tar-rikorrenti gie terminat mill-Prim Ministru fuq parir tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku b’ittra datata l-20 ta’ Lulju, 2009;

11. Illi r-rikorrenti jhoss li l-procedura adottata fil-konfront tieghu hi munita b’nuqqasijiet procedurali serji u ghalhekk hi nulla, stante li nkiser il-principju “*nemo iudex in causa propria*”;

12. Illi ghalhekk il-passi mehuda kontra r-rikorrenti huma ngusti u msejsa fuq premessi hziena biex josturaw nuqqasijiet departimentali;
13. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti qed jitlob li jinghata r-rimedji kollha opportuni biex jigu protetti d-drittijiet fundamentali tieghu u konsegwentement din il-Qorti:

i. Tiddikjara d-decizjoni tat-tkeccija tieghu bhala nulla u bla effett;

ii. Tordna li r-rikorrenti jigi ri-integrat fl-istess grad ta' mpjieg li kellu;

iii. Tordna wkoll li jinghata l-paga b'lura mid-data tat-tkeccija flimkien mal-beneficcji kollha mitlufa;

Rat ir-risposta preliminari tal-intimati – bl-eskluzjoni tal-Kummissjoni Servizz Pubbliku datata s-6 ta' Lulju, 2010, li permezz taghha sintetikament irrispondew bil-mod segwenti:

1. Illi tenut kont tal-perjodu qasir lilhom koncess ghar-risposta jitolbu aktar zmien biex japprofondixxu l-istess risposta;

2. Illi preliminarjament din il-qorti ghandha tiddeklina milli tiehu konjizzjoni ta' din il-procedura stante li r-rikorrenti m'ezawriex ir-rimedji ordinarji spettanti lilu;

3. Illi l-"Ministru Resorsi u Zvilupp Rurali" u Prim Ministru m'humiex il-legittimi kontradditturi;

4. Illi r-rikors promotur mhux konformi mar-regolament numru 3 dwar il-Prattika u l-Procedura u l-Buon Ordni fil-Qrati stante li ma jispecifikax l-artikli tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea nvoluti;

5. Illi fil-meritu t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda stante li nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

6. Illi r-rikorrenti tkecca max-xoghol wara procedura dixxiplinari ghall-agir irresponsabbli tieghu stess wara li m’ezegwiex struzzjonijiet specifici tas-superjuri tieghu;

7. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-7 ta’ Lulju, 2010, li permezz tieghu ikkoncediet ghoxrin (20) gurnata biex l-intimati jipprezentaw risposta ulterjuri, (ara fol 38);

Rat ir-risposta ulterjuri estensiva riferita fil-paragrafu precedenti datata t-28 ta’ Lulju, 2010;

Rat ir-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku datata s-6 t’Awwissu, 2010, li sintetikament wiegbet:

1. Illi l-qorti odjerna m’ghandhiex gurisdizzjoni stante li l-operat tal-istess Kummissjoni hu insindakabbli;

2. Illi din il-qorti hi prekluza milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti ghaliex jekk taghmel hekk tkun qed tagixxi u tiddeciedi *extra petita*;

3. Illi di piu`, l-azzjoni odjerna hi ntempestiva;

4. Illi fil-mertu, l-azzjonijiet taghha kienu korretti u regolari;

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat it-8 ta’ Marzu, 2012, li permezz tieghu nfurmaw lill-qorti li hemm zewg eccezzjonijiet preliminari li jimmeritaw li jigu trattati u decizi qabel il-mertu u talbu li l-procedura tigi hemm indirizzata;

Rat id-digriet taghha tal-istess data ndikata fil-paragrafu precedenti li permezz tieghu laqghet it-talba hemm indikata, (ara fol 168);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-11 t'April, 2012;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti wkoll datat il-11 t'April, 2012, li permezz tieghu talab korrezzjoni fir-rikors promotur ai fini tal-artiklu 175(1) tal-Kap 12 billi jithassru l-kliem "il-Ministeru Resorsi u Zvilupp Rurali" u jidhlu minflok "Ministru Ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali";

Rat id-digriet taghha tat-2 t'Ottubru, 2012, fejn wara li rat ir-risposta tal-kontroparti, laqghet it-talba tar-rikorrenti ndikata fil-paragrafu precedenti u ordnat il-korrezzjoni migjuba;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati datata t-3 ta' Mejju, 2012;

Ikkunsidrat:

Illi d-decizjoni odjerna hi ghalhekk wahda preliminari rizervata ghall-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet sollevati mill-intimati senjatament:

1. Illi r-rikorrenti m'ezawriex ir-rimedji ordinarji lilu spettanti qabel ma ntrapprenda l-procedura odjerna:

2. Illi l-Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali u l-Prim Ministru ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex estranei ghall-akkadut;

Ikkunsidrat:

Illi in effetti l-istess l-ewwel eccezzjoni preliminari ghandha portata ferm importanti stante li jekk tirrizulta u tkun akkolta, kuntrarju ghat-tieni ecezzjoni li takkompanjaha, teffettwa naturalment l-andament tal-procedura kollha;

Illi fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni de quo jirrizulta sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-Bord tad-Dixxiplina in dizamina ddecieda l-vertenza in meritu fis-7 t'April, 2009;

2. Illi rizultat tal-istess ir-rikorrenti ghamel petizzjoni lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

3. Illi l-istess Kummissjoni riferita fil-paragrafu precedenti ffinalizzat il-kaz bir-rakkomandazzjoni taghha datata l-20 ta' Lulju, 2009;

4. Illi wara l-ezitu riferit fil-paragrafu precedenti jirrizulta li r-rikorrenti ghadda biex jintavola mill-ewwel il-procedura in dizamina;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti in effetti ppregudika l-pozizzjoni tieghu irrimedjabbilment billi naqas juzufruwixxi minn din il-possibilita` u jintavola appell mid-decizjoni tal-Bord Dixxiplinarju fuq riferit, bi pregudizzju ghad-drittijiet lilu spettanti;

Illi kif gie ritenut fil-kawza Buxom Poultry Limited vs Kummissarju ta' l-Artijiet tal-15 ta' Dicembru, 2010:

" … ir-rimedju kostituzzjonali …" (hu wiehed) li … "wiehed jirrikorri (ghalih) fejn ma jkunx jista' jintalab u jinghata rimedju xieraq b'mod iehor …" u min jonqos ma jistax jikseb l-istess rimedju minn din il-qorti;

Illi ghalhekk kif dejjem u b'mod kostanti gie ritenut minn dawn il-qrati, dawn m'ghandhomx ikunu rinfaccati b'kawzi li setghu jitressqu quddiem qrati ohra kompetenti li setghu facilment jipprezentaw rimedju effettiv;

Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-fatt li r-rikorrenti ddesista mir-rimedju normali lilu spettanti wara l-ewwel intopp li sab u flok ippersegwixxa r-riezami ta' l-ewwel decizjoni mehuda kontra tieghu ipprecipita l-azzjoni odjerna ntempestivament biex jippersegwixxi rimedju kostituzzjonali – liema rimedju hu ghalhekk wiehed intempestiv, kontroproducenti w inutili;

Illi ghaldaqstant din il-qorti qed takkolji din l-ewwel risposta preliminari sollevata mill-intimati u tiddikjara li l-azzjoni ntrapriza mir-rikorrenti hi ghalhekk intempestiva stante li m'ezawriex ir-rimedju ordinarju;

Rat l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ghar-ragunijiet fuq esposti allura qed tiddikjara li qed tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha stante li sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat kienu disponibbli lir-rikorrenti skont il-ligi u hu liberament ghazel li ma jisfruttahomx;

Illi stante li ghalhekk it-tieni eccezzjoni preliminari hi allura superfluwa u superata, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Jean Pierre Sant.

____________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------